MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2014

Rikors Numru. 73/2014

**AB**

**Vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

Illi hija zzewwget lill-intimat fit-tmienja u ghoxrin (28) ta’ Settembru tas-sena elf disa’ mija wiehed u disghin (1991) – Certifikat taz-zwieg anness Dok ‘A’ ;

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti ta’ bejniethom u effettwaw is-separazzjoni personali taghhom permezz ta’ kuntratt ppubblikat in atti Nutar Ian Spiteri datat tmienja (8) ta’ Mejju tas-sena elfejn u sebgha (2007) – kopja annessa Dok ‘B’ ;

Illi minn dan iz-zwieg, fil-wiehed u ghoxrin (21) ta’Awissu tas-sena elf disa’mija erbgha u disghin (1994) twieldet S  li llum ghandha dsatax (19)-il sena, u l-manteniment dovut ghaliha mill-intimat dejjem gie mhallas ;

Illi permezz tal-kuntratt ta’ separazzjoni datat tmienja (8) ta’ Mejju tas-sena elfejn u sebgha (2007), il-partijiet irrinunzjaw ghad-dritt taghhom li jitolbu u jircievu manteniment minghand xulxin ;

Illi ghaddew aktar minn erba’(4) snin mid-data li fiha l-partijiet ilhom separati, u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom ;

Illi ghalhekk jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet ;

Talbet  li l-intimat jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti, m’ghandhiex tiddikjara li z-zwieg taghha mal-intimat Joseph David sive David Muscat bhala mahlul, u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u sabiex tordna

ghaldaqstant lir-Regiratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku skond il-ligi u dankollu taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din il-Qorti;

Rat ir-risposta illi giet ikkonfermata bil-gurament mill-intimat, li in forza taghha eccepixxa :

1. Illi huwa minnu illi l-partijiet ilhom separati ghal aktar minn erba' (4) snin u li huma sseparaw bonarjament b'kuntratt ta' separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Dr Ian Spiteri tat-8 ta' Mejju 2007;
2. Illi huwa wkoll minnu illi r-rikorrenti u l-intimat kienu rrinunzjaw definittivament ghad-dritt li jircievu l-manteniment minghand xulxin u l-partijiet irrinunjzaw mid-drittijiet successorji fil-konfront ta' xulxin;
3. Illi huma m'ghandhomx tfal minuri bid-dritt li jircievu manteniment fil-fatt l-unika bint li ghandhom illum ghandha izjed minn tmintax-il sena u m'ghaddietx ghal studju ma istituzzjoni terzjarja;
4. Illi huwa minnu wkoll illi ma hemm ebda prospett ghal rikonciljazzjoni bejniethom;
5. Illi r-rikorrenti ghandha tirriverti ghal kunjom xbubita "Schembri" stante li hija qeghda titlob id-divorzju;
6. Illi huwa wkoll minnu illi jezistu l-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghad-divorzju bejn il-partijiet ai termini ta' l-artikolu 66B tal-Kodici Civili;
7. Illi huwa ma joggezzjonax ghat-talba kif dedotta, minghajr pero' ma ghandu jbati ispejjez;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-17 ta' Marzu, 2014;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-8 ta’ Mejju 2007;

Illi ir-rikorrenti ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejniethom u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------